VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,941, 30 ta' Jannar, 2018
Taqsima B

A.L. 30 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2018 tal-Kors għall-Grad ta'
Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. -
taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2018 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni akkademika tal-Kors, li għandha tinkludi membru minn kull Istituzzjoni Msieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A;

"l-Istitutzzjoni/jiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li qegħdin jieħdu sehem fil-programm għall-grad ta' Master mogħti flimkien ma' universitjiet oħra li huwa approvat mill-Bord tad-Diretturi tan-Network On Humanitarian Action (NOHA), jiġifieri:

Aix-Marseille Université,

Ruhr-Universität Bochum,

Universidad de Deusto,

University College Dublin,

Rijksuniversiteit Groningen,

University of Malta,

Uppsala Universitet,

Uniwersytet Warszawski;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju żviluppat mill-Istituzzjonijiet Imsieħba li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A.;

"is-Senat" tfisser is-Senat ta' l-Università ta' Malta; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

(3) Dan il-Grad huwa Grad tal-Università mogħti flimkien ma' istituzzjonijiet oħra u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Istutizzjojijiet Imsieħba fi ħdan qafas ta' programm mogħti flimkien ma' istituzzjoni oħra. Il-Grad jingħata biss jekk l-Istituzzjonijiet Imsieħba jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Settembru 2017 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu (Baċelerrat, Livell 6 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki) minn din l-Università jew minn università oħra rikonoxxuta mis-Senat, mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II jew bi klassifikazzjoni ekwivalenti f'dixxiplina rilevanti għall-Humanitarian Action, li t-tul tiegħu għandu jkun minimu ta' tliet snin u għandu jinkludi mhux anqas minn 180 krettu ECTS.

(2) (i) L-applikanti huma meħtieġa juru li l-livell tagħhom tal-lingwi ta' tagħlim tal-Istituzzjonijiet Imsieħba fejn bi ħsiebhom jattendu huwa sodisfaċenti. L-offerta ta' post fil-Kors tista' tkun suġġetta għal jekk l-applikanti jiksbux dawn il-kwalifiki ta' profiċjenza qabel il-bidu tal-istudji tagħhom.

(ii) Il-Profiċjenza fl-Ingliż tista' tkun ċertifikata b'wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) TOEFL: ikollhom punteġġ ta' mill-anqas 250 (test abbażi tal-kompjuter) jew 93 b'punteġġ ta' mill-anqas 24 fil-kitba (test fuq l-internet);
(b) Cambridge Proficiency Examination Advanced Certificate: ikunu għaddew bi Grad C jew aħjar; jew
(c) IELTS: ikollhom punteġġ ta' mill-anqas 6.5 b'punteġġ minimu ta' 6.0 f'kull element;

sakemm li kelliema nattivi tal-lingwa Ingliża u studenti li attendew kors ta' Baċelerrat mgħallem bl-Ingliż ma jkunux meħtieġa jissottomettu ċ-ċertifikati msemmija hawn fuq iżda jistgħu jkunu meħtieġa juru l-profiċjenza tagħhom b'xi mod ieħor.

(iii) Il-Profiċjenza fil-Franċiż tista' tkun ċertifikata b'livell C1 skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (CEFR).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) Il-Proficjenza fl-Ispanjol tista' tkun ċertifikata b'livell B2 skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (CEFR).

(3) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, għandu jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikazzjonijiet jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tip u l-livell tal-kwalifiki akkademiċi (25%);
(b) it-tip u l-livell tal-esperjenza fir-riċerka (10%);
(c) it-tip u l-livell tal-esperjenza professjonali, bħal esperjenza prattika fil-qasam tal-humanitarian action f'organizzazzjonijiet u f'istituzzjonijiet governattivi, inter-governattivi u/jew mhux-governattivi (25%);
(d) il-motivazzjoni u l-interess għal kwistjonijiet umanitarji (10%);
(e) is-sensittività multikulturali (10%);
(f) il-livell tal-abbiltajiet lingwistiċi (10%);
(g) ir-rakkomandazzjonijet (5%);
(h) il-bilanċ bejn is-sessi u n-nazzjonalitajiet (5%).

(5) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa wkoll joqogħdu għal intervista li għandha tkun immexxija minn bord tal-intervisti magħmul għall-anqas minn tliet membri, maħtura għal dan il-għan.

(6) Il-bord tal-intervisti jista' jagħmel użu minn mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni biex ikunu jistgħu jsiru l-intervisti mal-applikanti.

L-applikazzjoni u r-Reġistrazzjoni għall-Kors

4. (1) L-applikazzjonijiet kollha għandhom isiru *on-line* permezz tas-sit tan-NOHA Consortium (nohanet.org) skont l-istruzzjonijiet ippubblikati u qabel id-dati ta' skadenza indikati fuq is-sit.

(2) Fuq l-applikazzjoni, l-applikanti għandhom jindikaw f'liema Istituzzjoni Msieħba jixtiequ jwettqu l-istudji tagħhom, minbarra din l-Università.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-Bord tal-Istudji jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sitt xhur, sakemm li f'ċirkustanzi speċjali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' jagħti lill-istudenti estensjoni oħra sa mhux aktar minn sentejn sabiex huma jkunu jistgħu jtemmu l-istudji tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Jekk studenti li qegħdin isegwu l-Kors ġew mogħtija borża ta' studju u jeħtieġu estensjoni, il-borża ta' studju ma tistax tiġi estiża. Dawn l-estensjonijiet jistgħu jingħataw skont ir-regolamenti applikabbli tal-Istituzzjonijiet Imsieħba involuti.

Il-Programm ta-Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li jinkludu 60 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju mgħallma, 30 krettu ECTS għal Work Placement jew Regional Training, u 30 krettu ECTS għad-dissertazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-programm qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-istudenti kollha huma meħtieġa li jqattgħu perijodu ta' studju obbligatorju mill-anqas f'żewġ Istituzzjonijiet Imsieħba, kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

7. Il-Bord tal-Istudji għandu jħejji katalgu tat-taqsimiet studju kollha għall-approvazzjoni tas-Senat. Il-katalgu għandu jindika il-livell, l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kretti ECTS assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u l-valutazzjoni, kif ukoll l-opportunitajiet ta' valutazzjoni mill-ġdid għal kull taqsima studju.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha ssir fit-tmiem tat-tagħlim tat-taqsima studju, matul il-perijodu ta' attendenza f'waħda mill-Istituzzjoniet Imsieħba fi żmien li jkun speċifikat mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni li jsiru fl-Università għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat hawn taħt:

Il-Firxa tal-Marki	**Grad**
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
50% - 54%	D
45% - 49%	E
0% - 44%	F

sakemm li l-marka minima biex wieħed jgħaddi mid-dissertazzjoni għandha tkun 50%.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma jitħallew joqogħdu għal

VERŻJONI ELETTRONIKA

valutazzjoni mill-ġdid darba biss. Il-valutazzjoni mill-ġdid għandha ssir fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss (Mejju jew Settembru) skont il-każ. Fil-valutazzjonijiet mill-ġdid, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa Grad E,
sakemm li jekk student jeħel mid-dissertazzjoni, il-grad/marka massima li jista' jingħata wara valutazzjoni mill-ġdid huwa 50%/Grad D.

(4) Il-progress minn semestru għall-ieħor għandu jkun kif speċifikat fl-Study and Examination Regulations ippubblikati fuq is-sit tan-NOHA (nohanet.org).

(5) L-istudenti li ma jkomplux jew li jeħlu fil-valutazzjoni tar-Regional Training jew tal-Work Placement m'għandhomx dritt għal valutazzjoni mill-ġdid u jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(6) Is-Senat għandu jaħtar Bord tal-Eżaminaturi għal kull taqsima studju li ssir fl-Università, skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' madwar 30,000 kelma, esklużi r-referenzi u l-appendiċi, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Id-dissertazzjonijiet għandhom normalment jinkitbu bl-Ingliż. Madankollu, il-Bord tal-Istudji jista' jħalli studenti jiktbu d-dissertazzjoni tagħhom bi kwalunkwe lingwa oħra sakemm li l-Bord tal-Istudji jkun aċċerta ruħu, għas-sodisfazzjon tas-Senat, li l-Istituzzjonijiet Imsieħba għandhom ir-riżorsi umani bil-kompetenzi meħtieġa biex jipprovdu superviżjoni u jeżaminaw ix-xogħol. F'dawn il-każijiet, l-istudenti jkunu meħtieġa jinkludu traduzzjoni tal-*abstract* bl-Ingliż.

(3) Ix-xogħol għad-dissertazzjoni għandu jsir matul ir-raba' semestru tal-Kors. L-istudenti għandhom jissottomettu għall-approvazzjoni titlu u proposta tar-riċerka dettaljata sad-data ta' skadenza u fil-format speċifikat fin-NOHA Master Thesis Guide u f'dokumenti rilevanti oħra kif imfassla mill-Bord tal-Istudji.

(4) L-istudenti għandhom ifittxu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal kwalunkwe modifikazzjoni sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Id-dissertazzjonijiet għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata mill-istudenti li dak huwa x-xogħol oriġinali tagħhom.

(6) Qabel ma jiggradwaw, l-istudenti għandhom jippreżentaw lill-Bord tal-Istudji kopja tad-dissertazzjoni llegata b'qoxra iebsa, u verżjoni elettronika lil kull Istituzzjoni Msieħba, li għandha tinkludi dikjarazzjoni ta' awtentiċità ffirmata. Il-verżjoni elettronika għandha tkun konformi mal-livelli stabbiliti minn kull Istituzzjoni Msieħba.

10. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar superviżur għal kull student. L-istudenti huma meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju, is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-supervizjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) jingħata estensjoni tal-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel iż-żmien jekk is-superviżur iqis li fiċ-ċirkostanzi dan huwa xieraq, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel iż-żmien skont (b) sakemm l-istudent ma jingħatax iċ-ċans li jesprimi ruħu.

(3) Ir-rwol tas-superviżur għandu jieqaf meta d-dissertazzjoni tiġi mressqa għall-eżami iżda jista' jerġa jibda, fuq il-parir tal-Bord tal-Eżaminaturi, biex jipprovdi gwida lill-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ġiet riferuta lura għal korrezzjonijiet sinifikanti sakemm tkun aċċettata l-aħħar verżjoni.

11. (1) Kull dissertazzjoni għandha tiġi eżaminata minn Bord tal-Eżaminaturi, magħmul għall-anqas minn tliet membri, li wieħed minnhom normalment għandu jkun eżaminatur lokali minn waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba. Il-Bord tal-Eżaminaturi jista' wkoll jinkludi eżaminatur barrani maħtur minn istituzzjoni barranija għall-Istituzzjonijiet Imsieħba.

(2) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa joqogħdu għal eżami orali biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom u dan jista' jsir ukoll permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jekk hekk approvat mill-Bord tal-Istudji.

12. Il-Bord tal-Istudji fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi, jista' jħalli studenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti, jissottomettu d-dissertazzjoni mill-ġdid f'forma riveduta, fi żmien sitt xhur mid-data ta' meta ġiet riferuta lura lilhom.

L-Għoti tal-Grad

13. (1) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk huma jiksbu l-120 krettu ECTS.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

(3) Il-Grad għandu jingħata mill-Università flimkien ma' kwalunkwe Istituzzjoni Msieħba fejn l-istudent ikun temm mill-anqas 30 krettu ECTS.